MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Avviz Numru. 606/2004

**Avviz numru 606/04DM**

**F. Cordina & Sons Ltd (C-2864)**

**Vs**

**T B S Services Ltd. (C-21385)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u erbgha u sittin lira Maltin, u sebgha u tmenin centezmu (Lm2,664.87) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' elfejn, hames mija u tlieta u tletin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm2,533.81) bilanc dovut fuq bejgh ta' merkanzija ta' hadid mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, liema merkanzija giet debitament accettata mis-socjeta' konvenuta u inkwantu ghas-somma ta' mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitt centezmi

(Lm131.06) rapprezentanti imghax dovut skond skrittura datata 31 ta’ Lulju, 2002, (vide Dok ‘A’ anness ma’ l-Avviz) u Dok ‘B’.

Bl-ispejjez ta’ l-ittra nterpellatorja datata 19 ta’ Lulju, 2004, tal-mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju numru 2219/04 u bl-imghax legali mill-31 ta’ Lulju, 2003, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament rapprezentant tal-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta’ elfejn, sitt mija, erbgha u sittin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm2,664.87) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali mill-31 ta’ Lulju, 2003, fuq il-kapital ta’ elfejn, hames mija, tlieta u tletin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm2,533.81).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------